# ITTRA PASTORALI

**MILL-E.T. MONS. CHARLES J. SCICLUNA**
**Arċisqof ta' Malta**

**u**

**MILL-E.T. MONS. MARIO GRECH**
**Isqof ta' Għawdex**

## RANDAN 2018

**www.thechurchinmalta.org**

# NGĦOŻŻU DAK LI HU SABIĦ U TAJJEB

Ta' kull sena, fit-Tieni Ħadd tar-Randan, il-Knisja tlaqqagħna mal-esperjenza ta' Ġesù u tliet dixxipli magħżula minnu, fuq muntanja għolja. Din insejħulha l-esperjenza tat-Trasfigurazzjoni.

L-Evanġelju ta' San Mark jgħidilna li "Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom. Ilbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb". San Mark jagħmel osservazzjoni: "Ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk". U jkompli: "U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù" (Mk 9, 2-3).

Fit-talb tal-Knisja, l-esperjenza tat-Trasfigurazzjoni hija esperjenza li mill-qalb tad-dixxipli tegħleb il-biża' u l-iskandlu tas-salib. Fl-esperjenza ta' talb fuq il-muntanja, Ġesù jidher fis-sbuħija kollha tiegħu, fis-sebħ tiegħu bħala l-Iben ta' Alla magħmul bniedem. Fuq l-għolja tat-Tabor, Ġesù jsir ir-Ragħaj it-Tajjeb li jiġbed lill-ġnus lejh minħabba s-sbuħija intima tiegħu. Il-Bxara t-Tajba li aħna lqajna hi aħbar sabiħa li fil-qalb tagħna tpoġġi fl-ewwel post lill-Mulej li huwa Sid il-ħajja u li jixtiqilna l-aqwa ġid.

Din is-sena aħna l-Isqfijiet qegħdin nistiednu lilkom, membri tal-poplu ta' Alla f'dawn il-gżejjer, biex fid-dawl tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, nixtarru s-sejħa li għandna biex ngħixu ħajja tajba u sabiħa. Hu f'dan id-dawl li aħna nħarsu wkoll lejn din is-sena meta l-Belt Valletta hija l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura. Hi sejħa għalina biex ngħożżu s-sabiħ u t-tajjeb.

**Is-sbuħija straordinarja ta' Ġesù**

L-esperjenza tad-dixxipli quddiem is-sbuħija straordinarja tas-sebħ ta' Ġesù ġabitilhom nostalġija kbira għal dak kollu li hu tajjeb u sabiħ. Tant hu hekk li Pietru qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija" (Mk 9, 5). Ix-xewqa ta' Pietru kienet li jibqgħu hemmhekk f'għarajjex magħmula għal Ġesù u għall-profeti Mosè u Elija, li dehru miegħu, biex huma jkunu jistgħu jgawdu dik l-esperjenza li m'għandha tispiċċa qatt.

L-Evanġelista San Mark jgħid: "Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom" (Mk 9, 6). Il-biża' ta' Pietru u ta' Ġakbu u ta' Ġwanni huwa l-biża' ta' min jirrealizza li qiegħed fil-preżenza tal-Mulej. Imma l-kelma ta' Ġesù tagħmlilhom kuraġġ; il-kelma ta' Ġesù tħeġġiġhom biex ma jibżgħux, anzi biex jersqu lejh u jitqawwew fil-persważjoni u d-determinazzjoni tagħhom li jkunu dixxipli tiegħu.

**Is-sejħa biex inkunu wlied id-dawl**

Fit-Trasfigurazzjoni Ġesù juri lilu nnifsu bħala “Dawl minn Dawl”. L-Appostlu Missierna San Pawl jistedinna biex aħna nimxu ta’ wlied id-dawl. Jekk Ġesù huwa dawl bħala Iben, aħna wkoll irridu nkunu dawl bħala wlied. “Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ” (Ef 5, 6), jgħidilna San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Efesin. “Intom kontu darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej; għixu ta’ wlied id-dawl li intom; frott id-dawl jinsab f’kulma hu tjieba, f’kulma hu ġustizzja, f’kulma hu verità. Fittxu li tagħrfu dak li jogħġob lill-Mulej u tisseħbux fl-għemejjel tad-dlam bla frott, imma ikxfuhom fil-beraħ” (Ef 5, 8-11).

Aħna u nixtarru dan il-kliem ta’ San Pawl, faċli nirrealizzaw li s-sejħa li ngħixu l-aħbar it-tajba bħala aħbar sabiħa hija sejħa biex, bħala wlied id-dawl, il-kultura tagħna tkun kultura msejsa fuq l-għażliet it-tajba, f’dak kollu li jġibilna ġieħ bħala wlied adottivi ta’ Alla. “Tnikktux l-Ispirtu s-Santu ta’ Alla, li fih intom issiġillati għall-jum il-fidwa. Mrar, saħna, korla, tagħjir, għajat, dan kollu warrbuh minnkom, u wkoll kull ħażen ieħor. Kunu twajba ma’ xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu. Kunu, mela, tixbhu lil Alla, bħala wlied maħbuba, u imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina” (Ef 4, 30-32; 5, 1-2). Dawn il-kelmiet mill-istess Ittra lill-Efesin, San Pawl jgħidhomlna biex jagħmlilna kuraġġ. Aħna u nfittxu u nixxenqu għal dak kollu li hu sabiħ, tajjeb u veru fil-ħajja tagħna, aħna qegħdin infittxu li nkunu wlied id-dawl.

Fl-Għid li ġej, b’mod speċjali fil-liturġija sabiħa tal-velja qaddisa ta’ Sibt il-Għid, aħna se jkollna d-dawl ta’ Kristu f’idejna meħud minn xemgħa waħda, mill-blandun, u dakinhar dik ix-xemgħa mixgħula tfakkarna f’din is-sejħa li aħna nkunu wlied id-dawl. Il-fjamma tagħna hija ċkejkna, imma tista’ tagħti faraġ u serħan f’kull ambjent fejn hemm id-dlam, fejn hemm it-taqtigħ il-qalb, fejn hemm is-swied il-qalb. Aħna u nimmeditaw is-sbuħija ta’ Ġesù fuq il-Muntanja Tabor, il-messaġġ tagħna jrid ikun messaġġ li jimla lil kull wieħed u waħda minna b’kuraġġ kbir, b’tama ġdida. Dan hu li jagħmilna dixxipli tal-Mulej. Il-Papa Franġisku jistqarr: “Li nkunu dixxipli jfisser li jkollna dispożizzjoni permanenti biex inwasslu l-imħabba ta’ Ġesù lill-oħrajn, u dan iseħħ b’mod spontanju kullimkien, fit-triq, fil-pjazza, fuq ix-xogħol, tul il-vjaġġ” (*Il-Ferħ tal-Evanġelju*, par. 127).

Aħna u niċċelebraw il-kultura Mediterranja tagħna fil-qafas tal-kultura Ewropea, aħna nifirħu wkoll bis-sejħa li kellna sa mill-bidu nett tax-xandir tal-Evanġelju li nkunu wlied id-dawl, li nkunu msaħħrin bis-sbuħija ta’ Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb, li fil-Ġimgħa l-Kbira jagħti ħajtu għalina u fl-Għid il-Kbir jirxoxta għalina.

**L-istedina biex nisimgħu u ngħixu l-Kelma ta' Alla**

"Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: 'Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu'. Minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu" (Mk 9, 7-8). Il-kelma ħerqana tal-Missier hija stedina biex nagħrfu f'Ġesù l-Iben il-waħdieni u l-Iben il-għażiż ta' Alla. Imma hija stedina wkoll biex nisimgħu l-kelma ta' Ġesù u nippruvaw inħaddmuha fil-ħajja tagħna. L-Eżerċizzi tar-Randan huma opportunità oħra biex nisimgħu l-Kelma tal-Mulej u t-tifsira tagħha għalina. Aħna nħeġġukom biex tieħdu sehem f'din l-esperjenza tal-Kelma fil-knejjes tagħna.

Kultant nibirdu fil-fidi għax ma nkunux ħadna l-kelma ta' Ġesù bis-serjetà. Imma aħna u nisimgħu wkoll lill-Appostlu Missierna jħeġġiġna biex naħfru lil xulxin u nħennu għal xulxin, biex inkunu wlied maħbuba li jimxu fl-imħabba, aħna niftakru li msejħin biex inkunu qaddisin u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba (ara Ef 1, 4).

Fit-Trasfigurazzjoni, id-dixxipli, meta ħarsu, ma raw lil ħadd ħlief lil Ġesù. Il-ħarsa tagħna, aħna u nfittxu s-sbuħija madwarna u bejnietna, insibuha tassew jekk tkun f'Ġesù, jekk aħna nilmħu lilu fil-proxxmu tagħna, jekk aħna bejnietna nnisslu l-preżenza tiegħu għax qalilna: "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm jien inkun f'nofshom" (Mt 18, 20).

Ejjew nitolbu biex il-grazzja li tiġina mit-talb u mill-meditazzjoni tas-sbuħija ta' Ġesù, tinżel fir-ruħ tagħna u timliena mhux biss bl-imħabba għall-proxxmu tagħna imma wkoll b'tama għall-futur. Jalla x-xenqa li kull bniedem għandu biex jiltaqa' mas-sbuħija li ma tispiċċa qatt, tissarraf f'dak kollu li hemm bżonn nagħmlu biex f'dawn il-jiem qaddisa tar-Randan aħna nersqu lejn il-Mulej Ġesù, speċjalment permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u permezz tal-Ewkaristija.

Il-Papa Emeritu Benedittu XVI kiteb hekk: "Il-libsa l-bajda tad-dawl ta' Ġesù fit-Trasfigurazzjoni titkellem ukoll fuq il-ġejjieni tagħna" (*Ġesù ta' Nazaret*). Bis-saħħa tal-Magħmudija aħna lbisna d-dawl ma' Kristu u aħna nfusna sirna dawl. Aħna u nixxenqu biex fl-Għid niċċelebraw il-liturġija li tfakkarna fil-Magħmudija tagħna u f'din il-vokazzjoni li nkunu wlied id-dawl, ejjew nitolbu biex fis-soċjetà tagħna aħna l-Insara nkunu preżenza li ġġib lil kulħadd l-aħbar it-tajba u l-aħbar is-sabiħa ta' Ġesù.

Nagħtukom bil-qalb il-barka pastorali tagħna.

Illum, 10 ta' Frar 2018, Solennità tal-Appostlu Missierna San Pawl.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta

✠ **Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex